# BORD LI JIRREGOLA L-KERA GHALL-GZEJJER TA' GHAWDEX U KEMMUNA

### CHAIRMAN MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Erbgha, 13 ta' Gunju 2001

**Rikors numru 8/99G4(PC)**

**Luigi u Grazia konjugi Borg**

**vs**

**Maria u Giovanna Antida ahwa xebbiet Lanzon**

**Ic-Chairman;**

Ra r-rikors li permezz tieghu r-rikorrenti konjugi Borg wara li ppremettew illi huma jikru lill-intimati l-fond numru sebgha (7) ta' Triq Kercem, Victoria, Ghawdex versu l-kera ta' tnax-il lira Maltija u hamsin centezmu (Lm12.50c) li jithallsu fl-ewwel (1) t'Ottubru ta' kull sena b'lura liema kirja ilha li originat diversi snin.

Illi r-rikorrenti jixtiequ li b'effett mill-iskadenza li jmiss huma jkunu awtorizzati jghollu l-kera pagabbli ghal dak l-ammont li dan il-Bord jidhirlu li huwa gust.

Talbu lil dan il-Bord joghgbu jiffissa l-kera xieraq ta' dan il-fond liema kera ghandu jibda japplika b'effett mill-iskadenza li jmiss cioè dik ta' l-ewwel (1) t'Ottubru tas-sena elfejn (2000).

Ra r-risposta ta' l-intimati Maria u Givanna Antida ahwa xebbiet Lanzon fejn esponew illi:

(1) il-kera tal-fond in kwistjoni kien digà gie ffissat mill-Bord li Jirregola l-Kera ghal Gzejjer ta' Ghawdex u Kemmuna;

(2) fi kwalunkwe kaz l-ammont ta' kera li qeghdin ihallsu l-esponenti huwa gust u ma jimmeritax li jigi awmentat;

Salvi risposti ohra fid-dritt u fil-fatt.

Ra d-digriet tieghu tas-26 ta' Jannar 2000 fejn gew nominati l-AIC Renato Laferla u l-AIC David Pace bhala esperti teknici sabiex jiehdu konjizzjoni ta' din it-talba;

Ra ukoll id-digriet tal-25 t'Ottubru 2000 fejn l-AIC David Pace ma xtaqx jaccetta inkarigu gie sostitwit bl-AIC Fredrick Valentino;

Ra r-rapport ta' l-esperti teknici l-AIC Renato Laferla u l-AIC Fredrick Valentino illi jgib id-data ta' l-20 ta' Frar 2001 mahluf ukoll mill-istess esperti f'dik il-gurnata permezz ta' liema rapport l-esperti teknici kkonkludew illi l-kera gust tal-fond in kwistjoni ghandu jkun ta' hamsa u erbghin lira (Lm45) fis-sena u dan kif jispjegaw fl-istess rapport liema kera giet iffissata a tenur ta' l-Ordinanza numru sittax ta' l-elf disa' mija erbgha u erbghin (16/1944) u dan wara li qiesu li dan il-fond ghandu jigi kkonsidrat taht l-istess Ordinanza bhala dar qadima kif spjegata fl-istess Ligi.

Ic-Chairman, ghalhekk, u in vista ta' dan ir-rapport peritali ta' l-esperti minnu nominati u peress illi jidhirlu illi rapport jimmerita konferma, wara li ra ukoll l-artikolu 4(1)(b) u l-artkolu 5 u l-artikolu 14(1) tal-Kapitlu 69 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll il-Kapitolu 116 dwar it-Trazzin tal-Kera fuq il-Fondi tad-Djar u specifikatament l-artikolu 5 ta' l-istess kapitolu, jiddeciedi r-rikors billi jistabilixxi l-kera gust ghall-fond mertu ta' dan ir-rikors ghandu jkun ta' hamsa u erbghin lira Maltin (Lm45) fis-sena pagabbli b'effett mill-iskadenza li jmiss u cioè mill-ewwel t'Ottubru tas-sena elfejn u wiehed (1/10/2001).

L-ispejjez ta' dan ir-rikors ghandhom jigu sopportati mill-intimati però dawk ta' l-esperti teknici nominati mic-Chairman ghandhom jigu sopportati mill-istess rikorrenti.

(ft.) Paul Coppini
Chairman

(ft.) Maureen Xuereb
Deputat Registratur

0899g4.doc
452